**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Dicembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 352/2020 AGV;</u>**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB datat 12 ta' Ottubru 2020, fejn espona bir-rispett u ikkonferma;**

1. Illi huwa zzewwget lil-intimata fit 2 ta' Marzu 1995, liema zwieg gie debitament registrat fir-registru pubbliku ta' Malta (Kopja tal-istess annessa Dok. A);
2. Illi l-partijiet ilhom seperati de facto erba' snin u huma xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwa s-sperazzjoni personali

permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsnswali datat 21 ta' April 2004, in atti tan-nutar Dr. Nicholas Vella., liema kuntratt qed jigi annessa Dok B;

3. Illi l-partijiet minn daz-zwieg kellhom erba' ulied, li llum lkoll maggorenni, u illum ma tezisti ebda pendenza ta' manteniment bejniethom;
4. Illi r-rikorrenti u l-intimata jghixu hajja separata minn ma' xulxin u r-rikorrenti jaf li ma hemm ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
5. Illi ghaddew oltre' minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni bejn il-partijiet, u r-rikorrenti jikkonferma li ma hemm hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejniethom.
6. Illi jikonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall taz-zwieg ghal divorzju tal-partijiet. U ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' CB huwa mahlul, u li l-partijiet huma divorjzati ghal effetti kollha tal-Ligi u biex jordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u dan jigi registrat fir-registu pubbliku.

Il-Qorti rat ir-risposta ta' CB ghar-rikors tal-attur AB datata 18 ta' Novembru 2020, li espona bir-rispett;

1. Illi hija giet a konjizzjoni tar-rikors guamentat pprezentat mil-attur AB , fejn huwa essenzjalment talab illi dina l-Onorabbli Qorti tippronuznja il-hall taz-zwieg taghhom.
2. Illi in primis jigi rilevat illi l-partijiet iccelebraw iz-zwieg taghhom fil- 21 ta' Dicembru 2004 kif jirrizulta mil-istess kuntratt ta' separazzjoni, esebit mar-rikors promutur, u mhux f' April, kif erronjament gie indikat fir-rikors.

3. Illi di piu' il-konvenuta qieghda ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi tikkonferma r-rimanenti kontenut tal-istess rikors u konsegwentament tiddikjara li ma ghandha ebda oggezzjoni ghat-talbiet odjerni.
4. Illi finalmentt l-esponenti ma ghandhiex tigi kkundanata thallas ebda spejjez in konnessjoni ma' dil-procedura.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**